# BIKI TA' OMM

*(Black Market eċċ.)*

Maħbuba Malta tiegħi, fejn hi d-dija
Li dari tixgħel ġewwa ħbub għajnejk ?
Għidli, għaliex narak bħal imbikkija
Bid-dmugħ sieket jiżżerżaq ma' ħaddejk ?

Jiena rajtek fi gwerer qerredija
Tiġġieled fuq is-swar bil-ħżiem f'ġenbejk,
U tixref fuq il-baħar qalbenija
U tirbaħ l-Għadu li kien riesaq lejk.

Id-dinja kollha li fil-ħila tiegħek
Rat il-qawwa ta' qalb li għandek fik
Libbsitek b'ġieħ li jibqa' dejjem miegħek :

Għaliex, mela, narak b'dak wiċċek niedi
Bid-dmugħ ? Xinhu li q'ed, j'Omm ibikkik ?
" Faħħruni l-barranin... kasbruni wliedi ".

DUN KARM.

21/1/'43